MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Numru. 924/2002

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDRA MAMO
VS
JOELIN ATTARD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Joelin Attard ta' 26 sena mart Stephen, bint Anthony Micallef u Helen Sammut, imwieled Pieta fl-4 ta' Ottubru 1976 u residenti Lourdes Court, Flat 3, Triq ta' Cieda, San Gwann detentrici tal-karta tal-identita numru 529176M talli f'dawn il-gzejjer, fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2002 sal-31 t'Ottubru 2002, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew

helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara ll jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe ghamlet falsifikazzjoni tal-firma ta' Austin Farrugia u persuni ohra, fuq sales vouchers mahruga mill-EPOS machine wara li giet ippresentata quick cash card f'isem Austin Farrugia, u aktar talli xjentement ghamlet uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' aktar minn Lm2000 bi hsara ta' HSBC (malta) plc., Austin Farrugia u persuni ohra, bi ksur tal-artikoli 308 u 309 u 310(1) tal-kap9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. Xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li tkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom bi ksur tal-artikolu 334 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

d. Talli b'qerq fethet xi oggett postali li kellu jigi ikkunsinnat jew b'qerq ghamlet xi att li bih il-kunsinna xierqa ta' oggett postali tkun impeduta jew imtawla, jkew ghamel uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh, dan bi ksur tal-artikolu 51 tal-kap 254 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputata sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-24 ta' Jannar 2003 fejn l-imputata ammettiet ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat;-

Fuq l-istess ammissjoni taghha, il-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-ewwel, t-tieni, u r-raba akkuza b'assorbiment tat-tielet akkuza u wara li rat Art 183, 184, 308, 309, 310 tal-kap 9 Art 51 tal-kap 254 u Art 22 tal-kap 446 u tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------